# ID-DUBBIEN SAQQARI

*Martin J Ebejer*

Id-dubbien huwa insetti b'żewġ ġwienaħ. Dawn jidħlu taħt l-isem Diptera li jiġbor fih mal-130 familja. Fil-gżejjer Maltin insibu 68 familja minn dawn. Waħda minn dawn il-familji hija dik tad-Dubbien Saqqari, tip ta' dubbien li huwa mxerred mad-dinja kollha. Fil-gżejjer Maltin insibu biss 43 speċi differenti ta' Dubbien Saqqari. Ġie dokumentat li hawn erba' speċi oħra, iżda l-preżenza ta' dawn għad trid tiġi kkonfermata. Minn dan id-dubbien insibu speċi waħda li hija endemika għall-gżejjer Maltin. L-ispeċi tad-Dubbien Saqqari li jinstabu fil-gżejjer Maltin huma verament ftit meta fil-gżejjer Brittaniċi jinstabu 260 speċi, u bejn wieħed u ieħor 400 speċi kemm fl-Italja kif ukoll fi Franza.

Id-Dubbien Saqqari huwa fost dak li jidher l-aktar minħabba li huwa kemxejn imdaqqas, kif ukoll minħabba l-kuluri ta' spiss jgħajtu li għandu. Fil-gżejjer Maltin dan id-dubbien jidher f'numri kbar bejn Marzu u Lulju, għalkemm madwar 12-il speċi jistgħu jiġu osservati matul is-sena kollha. Ftit huma dawk li ma jirnexxilhomx jaraw dawn l-insetti fuq il-fjuri, iżda minħabba li wħud minn dan id-Dubbien Saqqari jimitaw b'mod eżatt lin-naħal u liż-żnażan, huwa diffiċli ferm għal minn mhux imħarreġ biex jagħraf li dan id-dubbien ma hu ta' ebda periklu. Id-Dubbien Saqqari mhux biss jixbah lin-naħal u liż-żnażan, iżda jimitahom ukoll fl-imġieba, xi kultant iżanżan b'mod feroċi u jċaqlaq it-tarf ta' żaqqu eżatt kif tagħmel naħla fuq fjura. Uhud minn dan id-dubbien huma kkuluriti bl-iswed u bl-isfar, oħrajn għandhom dehra metallika tleqq ta' kuluri differenti.

Dan id-dubbien huwa magħruf għall-mod kif jissaqqar b'eżattezza tal-għaġeb - għalhekk jissejjaħ Dubbien Saqqari *(Hoverflies).* Dan l-aġir huwa adattat partikolarment minħabba d-drawwiet tad-dubbien irġiel ta' wħud minn dawn l-ispeċi. Dubbiena raġel tagħżel oġġett, bħal siġra jew arbuxxell, jew anke fjura jew xi xifer ta' blata. Din tissaqqar fuqha jew ma' ġenbha f'distanza meqjusa u tiddefendi dan l-ispazju kontra kull insett li jażżarda jgħaddi minn ġo fih. Dan tagħmlu billi dlonk ittir lejn dan l-insett b'veloċità kbira, filwaqt li żżanżan bil-qawwa. Jekk ikun hemm bżonn id-dubbiena tibqa' dieħla dritt fuq l-insett biex iġġagħlu jitlaq 'il-barra mit-territorju tagħha. L-irġiel ta' dan id-dubbien ikunu jħufu biex isibu sieħba biex jgħammruha. Ġie osservat li dubbiena minn dawn tista' tqatta' ġranet sħaħ tissaqqar fl-istess post, tieqaf biss matul il-lejl, u għal waqfiet żgħar kemm tiekol jew tgħammar xi dubbiena oħra. L-irġiel ta' xi speċi jissaqqru fi żmien in-namra aktar milli biex jimmarkaw it-territorju tagħhom. Huwa interessanti li tosserva kif f'dawk l-ispeċi li jissaqqru biex



1



2

*Żewġ speċi ta' dubbien saqqari li jinstabu fil-gżejjer Maltin u li jpassu wkoll:*

*1 – Episyrphus balteatus*
*2 – Scaeva albomaculata*

jimmarkaw it-territorju, jekk id-dubbiena titneħħa jew tgħib, il-post tagħha dlonk jittieħed minn dubbiena raġel oħra. Wieħed jista' jesperimenta b'dan il-mod għal diversi drabi, u kull darba t-territorju battal jimtela minnufih minn dubbiena raġel li fi ftit sekondi jitfaċċa minn xi mkien.

M'għandniex nistagħġbu li wħud minn dan id-dubbien, li għandu tant kapaċità hekk kbira fit-titjir u li huma żviluppat daqshekk, jirnexxilhom ipassu. Ħames speċi li jinstabu fil-gżejjer Maltin huma magħrufa li jpassu lejn it-tramuntana ta' l-Ewropa.

Wieħed jista' faċilment jagħraf id-Dubbien Saqqari rġiel minn dawk nisa fil-biċċa l-kbira tagħhom. Dan huwa possibbli għax meta wieħed iħares bir-reqqa lejn l-għajnejn ta' dan id-dubbien, isib li dawk ta' l-irġiel jiltaqgħu fit-tarf fuq ir-ras filwaqt li dawk tan-nisa huma aktar imbegħdin. Iżda kemm l-irġiel kif ukoll in-nisa għandhom għajnejn imdaqqsa.

Id-dubbien kollu jgħaddi mill-fażi tal-larva. Il-grupp tad-dubbien irnexxa bil-kbir u okkupa kull tip ta' ambjent ekoloġiku, bir-riżultat li l-istudju tagħhom kixef tagħrif mill-aktar interessanti. Għalkemm fl-istadju ta' l-iżvilupp id-Dubbien Saqqari ma tantx huwa differenti minn dubbien ieħor, xorta waħda joffri adattament interessanti. Uħud minn dan id-Dubbien Saqqari jikkaċċjaw bla ħniena il-briegħed tal-pjanti, hekk li jħabbtuha maż-żebbellika u n-nemus l-aħdar. Uħud mill-briegħed tal-pjanti jgħixu

taħt l-art fuq l-għeruq ta' xi pjanti, iżda anke hawn dawn il-briegħed jinstabu minn uħud mid-Dubbien Saqqari. Dan l-aħħar waħda minn dan id-Dubbien Saqqari li jfittex il-briegħed tal-pjanti taħt l-art ġiet osservata fil-gżejjer Maltin ukoll. Id-Dubbien xiħ, bħal-larva tiegħu, għandu drawwiet kemxejn mistura, għalhekk jidher li hu rari.

Uħud mid-Dubbien Saqqari għandhom il-larva tagħhom tiżviluppa ġewwa l-għeruq jew il-basal ta' xi pjanti, għalkemm ma hux magħruf li dawn jaslu biex jagħmlu xi ħsara.

Imbagħad hemm uħud li jbidu qalb il-weraq niexef, u oħrajn f'injam li qed jitmermer. Uħud huma speċjalizzati biex jiżviluppaw fit-tajn jew fl-ilma. Dawn ikollhom bħal tubu li minnu jkunu jistgħu jieħdu n-nifs. Oħrajn ibidu fejn meta jfaqqsu jkunu jistgħu jieklu l-fdalijiet li jsibu fil-bejtiet tan-nemel u taż-żnażan soċjali.

Għad baqa' ħafna studji xi jsiru biex jinġabar aktar tagħrif fuq il-ħajja ta' ħafna mid-Dubbien Saqqari li jinstab fil-gżejjer Maltin. Huwa veru li l-istudju ta' dawn l-insetti huwa aktar diffiċli minn dak ta' insetti oħra, ngħidu aħna tal-friefet u l-mazzarelli. Nistgħu ngħidu li t-23 tip ta' Dubbien Saqqari l-aktar komuni jistgħu jintgħarfu faċilment mingħajr il-mikroskopju. Għal ħafna mill-bqija, lenti ta' l-idejn tkun biż-żejjed. Iżda ma hemm l-ebda dubju li b'aktar studju jistgħu jiġu osservati speċi oħra fil-gżejjer Maltin. ❑



*Fosdqa ta' waħda mid-dubbien saqqari.*

# LISTA TA' SPEĊI LI JISSEMMEW F'DIN IL-ĦARĠA

| MALTI | LATIN | INGLIŻ |
|---|---|---|
| Bagħal ta' l-Għolliq | *Cettia cetti* | Cetti's Warbler |
| Bagħal ta' l-Imrewħa | *Cisticola juncidis* | Fan tailed-Warbler |
| Barbaġann | *Tyto alba* | Barn Owl |
| Bebbux ta' l-ilma salmastru | Mollusca: Gastropoda | Brackish water snails |
| Bies | *Falco peregrinus* | Peregrine Falcon |
| Briegħed tal-pjanti | Insecta: Homoptera | Aphids |
| Bufula Sewda | *Sylvia melanocephala* | Sardinian Warbler |
| Bugħarwien ta' Caruana Gatto | *Deroceras panormitanum* | Caruana's slug |
| Bugħeriewen | Mollusca: Gastropoda | Slugs |
| Bumerin | *Monachus monachus* | Mediterranean Monk Seal |
| Ċawla | *Corvus monedula* | Jackdaw |
| Dniefel | Mammalia: Cetacea | Dolphins |
| Dubbien | Insecta: Diptera; | True flies |
| Dubbien Saqqari | Insecta: Diptera: Syrphidae | Hoverflies |
| Fekruna Ħadra | *Chelonia mydas* | Green Turtle |
| Fekruna Komuni | *Caretta caretta* | Loggerhead Turtle |
| Fekruna Sewda | *Dermochelys coriacea* | Leatherback Turtle |
| Fekruna ta' Ridley | *Lepidochelys kempi* | Kemp's Ridley Turtle |
| Friefet | Insecta: Heterocera | Butterflies |
| Għerq is-Sinjur | *Fungus melitensis* | Malta Fungus |
| Għolliq | *Rubus ulmifolius* | Brambles |
| Ħanfus tal-Qrun Twil | Insecta: Coleoptera: Cerambycidae | Long-horned beetles |
| Kruċjat | *Loxia curvirostra* | Crossbill |
| Liedna | *Hedera helix* | Ivy |
| Mazzarell | Insecta: Odonata | Dragonflies |
| Naħal | Insecta: Hymenoptera | Bees |
| Nemus Aħdar | Insecta: Neuroptera | Lacewings |
| Qasab | *Arundo donax* | Great Reed |
| Qerd in-Naħal | *Meriops apiaster* | Bee eater |
| Susa tal-Ballut | *Cerambyx cerdo* | |
| Susa tal-Mell | *Cerambyx nodulosus* | |
| Tengħud | *Euphorbia pubescens* | Pubescent Spurge |
| Żebbellika (nannakola) | Insecta: Coleoptera | Ladybirds |
| Żnażan | Insecta: Hymenoptera | Wasps |